**Kisba 3: Nisma' test/i għall-fehim fuq suġġetti, f'kuntesti jew sitwazzjonijiet differenti.**

# L-Eċċezzjoni



## Il-Karta tal-Għalliem

# L-Eċċezzjoni

Fi xjuħitu nduna li d-destin kellu dejjem merfugħ għalih post speċjali. Qatt ma kien iħallih jimxi mar-regoli tal-plebej. Huwa kien dejjem l-eċċezzjoni.

Is-seba' ħutu kollha twieldu tlitt ijiem jew erbgħa wara li ommu għalqilha ż-żmien. Hu biss twieled ġimagħtejn qabel bħal donnu ried jibda jkun l-eċċezzjoni sa mill-ewwel nifs ta' ħajtu. Ħutu kollha kellhom għajnejhom suwed jew kannella skur, iżda hu kellu għajnejh żoroq. Hu biss kien għadda mill-eżami tal-Liċeo u meta sħabu tal-klassi kienu jinżammu l-iskola wara l-ħin għax jinqabdu jiġġerrew fil-parti pprojbita tal-grawnd, huwa kien jiġi eżentat. Kien anki jiġi skużat mil-lezzjoni tal-P.E. minħabba l-ażma.

Meta ġie biex jidħol l-Università ma kienx għadda mill-Malti, imma oħroġ il-għaġeb dik is-sena, il-Malti ma kienx obbligatorju għall-kors tal-liġi u għalhekk ma sab ebda xkiel biex jibda l-kors ta' avukat. Ħutu kollha kienu jaqilgħuha u jikluha u dejjem iqanċu u jġebbdu. Imma hu kien taha għan-negozju u far bil-ġid. Kien ixaħħam lil kemm irjus kbar kien jaf. Kien hemm ħafna minn sħabu n-negozjanti li t-tixħim tagħhom inkixef u spiċċawha ħażin. Imma mhux hu. U meta ħafna minn dawn sħabu kienu japplikaw għal xi permess skabruż, kienu minnufih isibu l-bibien kollha magħluqin. Imma hu le. Hu kien l-eċċezzjoni.

Ħutu kienu jgergru min-nisa u l-irġiel tagħhom u kellhom jibqgħu kkalzrati magħhom tul ħajjithom kollha. Iżda huwa kien iddivorzja tliet darbiet u li kieku t-tielet waħda ma marritx qablu kien jasal għar-raba' divorzju. Ħutu kellhom merħla tfal imma hu xejn għax għalih l-ulied kienu qishom bsaten fir-roti.

Imbagħad mietu nannietu u zijietu, ommu u missieru, u minn ħutu kollha ħadd ma mess it-tmenin sena. Iżda hu għalaq il-mija u kien mar jarah il-Ministru bil-crew tat-televiżjoni madwaru. U għalaq anki l-mija u tlieta u l-mija u erbgħa.

Sa fl-aħħar libes il-libsa l-pulita u mar iħabbat wara l-bieb tal-Ġenna. San Pietru ħareġ jitbissimlu fuq l-għatba u waqt li rabat idejh fuq sidru qallu:

"Nannietek u zijietek, ommok, missierek u ħutek kollha għaddew minn dan il-bieb u daħlu ġewwa. Imma inti ... l-eċċezzjoni!"

(Żahra, Trevor, (2018). *365*. Malta: Merlin Publishers)

## Is-Smigħ - Risposti (Total: ☐ | 20 marka)

**Wieġeb kif mitlub.**

1. Agħti t-tifsira ta' dawn l-idjomi kif użati fit-test: (3)

a. jaqilgħuha u jikluha: Is-salarju li jaqilgħu jonfquha fl-aktar affarijiet essenzjali bħall-ikel u l-mediċini. / Jużaw il-flus li jaqilgħu biex jixtru affarijiet bażiċi u essenzjali.

b. iqanċu u jġebbdu: Idumu jaħsbuha biex jonfqu l-flus u ma jonfqux flus fil-kapriċċi imma f'dak li tassew huwa bżonjuż.

ċ. isibu l-bibien magħluqin: Ma jsibux min jgħinhom biex jieħdu dak li jridu.

*2. Kien ixaħħam lil kemm irjus kbar kien jaf.* (2)

a. Xi jrid ifisser bil-verb **ixaħħam** fis-sentenza.

Iħallas bil-moħbi u illegalment.

b. Għal min qed jirreferi meta jgħid **irjus kbar**?

Dawk in-nies li jistgħu jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet bħall-politiċi u persuni mlaħħqa f'bordijiet importanti.

3. Il-plebej kienu n-nies komuni ta' Ruma fi żmien l-Imperu Ruman. (2)

Xi jrid ifisser l-awtur meta jgħid li l-protagonist ma kienx jimxi mar-regoli tal-Plebej?

L-awtur qed jinsinwa/jallega li l-protagonist ma kienx josserva r-regoli u l-liġijiet tal-pajjiż li jgħoddu għaċ-ċittadini l-oħra kollha għaliex kellu sens qawwi ta' superjorità.

4. F'min kien iwaħħal il-protagonist meta ma kienx jobdi l-liġijiet u r-regoli? (2)

Kien iwaħħal fid-destin biex ma jħossux ħati ta' għemilu u jagħti raġuni għaliex huwa jqis lilu nnifsu eċċezzjoni.

5. Semmi **tliet** eċċezzjonijiet li kienu jirrendu lill-protagonist differenti minn dawk ta' madwaru skont il-fażi ta' ħajtu indikata. (3)

| | |
|---|---|
| Fit-tfulija: | Twieled qabel iż-żmien / Kellu għajnejh żoroq / għadda mill-eżami tal-liċeo / kien jitħalla jiġri f'żoni pprojbiti tal-grawnd tal-iskola / Kien skużat mil-lezzjoni tal-P.E. |
| Meta sar adult: | Daħal l-università mingħajr l-eżami tal-Malti / sar sinjur / ikkorrompa diversi persuni u qatt ma nqabad / l-applikazzjonijiet "illegali" tiegħu dejjem kienu approvati / iddivorzja tliet darbiet / ma kellux tfal. |
| Meta xjaħ: | Qabeż il-mitt sena. |

6. Xi jrid ifisser l-awtur meta jgħid li l-protagonist "**libes il-libsa l-pulita u mar iħabbat wara l-bieb tal-Ġenna**"? (2)

***Il-libsa l-pulita*** qed tirreferi għall-ħwejjeġ li tkeffen fihom meta miet u ***mar iħabbat wara l-bieb tal-Ġenna*** tfisser li għadda għall-ħajja ta' dejjem.

7. Immarka jekk taħsibx li l-awtur ried jagħmel ġustizzja mal-protagonist bit-tmiem tal-ġrajja li jippreżentalna u agħti raġuni għar-risposta tiegħek. (2)

Iva / Le għax permezz ta' dan it-tmiem l-awtur ried juri li mis-sema 'l isfel ħadd mhu speċjali u li xi darba jew oħra kulħadd irid iħallas ta' dak li għamel.

8. L-awtur jidher li kellu żewġ għanijiet meta kiteb din is-silta. Spjega kif jilħaq dawn l-għanijiet. (2)

| | |
|---|---|
| Jiddeverti lill-qarrej. | L-awtur juża stil umoristiku fir-rakkont tiegħu u waqt li tkun qed taqra tispiċċa titbissem bix-xeni li jippreżentalna. |
| Iqajjem sens ta' ġustizzja. | Il-plott tal-ġrajja huwa mibni b'mod illi ħlief l-aħħar paragrafu l-awtur bħal donnu jġegħelna naħsbu li tassew il-protagonist kien jiġih kollox favurih u bħal donnu kellu l-kapaċità illi jeħles mill-konsegwenzi ta' għemilu u jiżloq min-negattiv li l-ħajja tista' tippreżentalu. Fl-għeluq tal-istorja l-awtur iċaħħad lill-protagonist mill-idea li jista' jieħu dak li jrid bi dritt waqt li t-twemmin tiegħu li hu eċċezzjoni tkun il-kriterju li jagħlaqlu l-bieb għat-tgawdija eterna tal-Ġenna. |

9. X'messaġġ taħseb li jrid iwassal l-awtur permezz ta' din l-istorja umoristika? (2)

Il-messaġġ tal-awtur huwa li wieħed jista' jħossu superjuri għal dawk ta' madwaru u jistenna trattament preferenzjali, iżda fl-aħħar mill-aħħar xi darba jew oħra kulħadd irid ipatti ta' dak li jkun għamel. Fil-każ tal-protagonist huwa rċieva l-istess trattament li kien jippretendi tul ħajtu kollha – dik li hu l-eċċezzjoni.